KUMMISSJONI
EWROPEA

Bruxelli, 14.5.2019
C(2019) 3452 final

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-14.5.2019**

**li tistabbilixxi l-linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom isiru fin-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni għan-nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku**

MT MT

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**tal-14.5.2019**

**li tistabbilixxi l-linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom isiru fin-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni għan-nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-linji gwida għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji, kif stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, għandhom jipprovdu gwida lis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni dwar il-prinċipji, il-kriterji u l-iskali li għandhom jiġu applikati fir-rigward tal-korrezzjonijiet finanzjarji li jsiru mill-Kummissjoni b'rabta man-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża, għan-nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku, b'mod partikolari d-Direttivi 2014/23/UE[1], 2014/24/UE[2] u 2014/25/UE[3] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif speċifikat f'dawn il-linji gwida.

(2) F'konformità mal-Artikolu 144 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u l-Artikolu 101(8) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4], il-Kummissjoni hija meħtieġa tapplika korrezzjonijiet finanzjarji fir-rigward tal-Istati Membri sabiex tiġi eskluża mill-finanzjament tal-Unjoni n-nefqa mġarrba bi ksur tad-dritt applikabbli, b'kunsiderazzjoni ta' użu proporzjonat tar-riżorsi amministrattivi. Il-korrezzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu bbażati fuq l-identifikazzjoni tal-ammonti minfuqa b'mod żbaljat, u l-implikazzjonijiet finanzjarji għall-baġit. Meta tali ammonti ma jkunux jistgħu jiġu identifikati b'mod preċiż, il-Kummissjoni tista' tapplika korrezzjonijiet estrapolati jew b'rata fissa skont ir-regoli speċifiċi għas-setturi. Fl-aħħar, meta tiddeċiedi dwar l-ammont ta' korrezzjoni finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tqis in-natura u l-gravità tal-ksur tad-dritt

1 Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

2 Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

3 Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L, 94, 28.3.2014, p. 243).

4 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (*ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).*

applikabbli u l-implikazzjonijiet finanzjarji għall-baġit, inkluż fil-każ ta' nuqqasijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll.

(3) Dawn il-linji gwida jenħtieġ li jkopru l-Fondi kollha b'ġestjoni kondiviża.

(4) Dawn il-linji gwida jirriflettu l-esperjenza li nkisbet mill-applikazzjoni tal-linji gwida preċedenti dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji għan-nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku li ġew adottati mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2013[5] u jikkjarifikaw il-livell ta' korrezzjonijiet li għandhom jiġu applikati f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u d-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE. Fejn rilevanti, dawn il-linji gwida jenħtieġ li jkopru wkoll il-kuntratti li jingħataw skont id-Direttiva 2009/81/KE[6].

(5) Dawn il-linji gwida għandhom japplikaw għall-proċeduri ta' korrezzjoni finanzjarja li jitnedew wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(6) Il-Kummissjoni għandha tuża dawn il-linji gwida biex jiġi żgurat trattament indaqs bejn l-Istati Membri, trasparenza u proporzjonalità meta jiġu applikati l-korrezzjonijiet finanzjarji b'rabta man-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi linji gwida, kif stabbiliti fl-Anness, għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom isiru fin-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni se tapplika dawn il-linji gwida għall-proċeduri ta' korrezzjoni finanzjarja li jitnedew wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussell, 14.5.2019

*Għall-Kummissjoni*
*Corina CREŢU*
*Membru tal-Kummissjoni*

[5] C(2013) 9527 final.

[6] Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76.).